# 73. Iebsa l-Ħobża

Minn bejn erba' sħabiet ħomor u roża
ix-xemx feġġet kemm kemm, u fuq il-baħar
ixheb imdawwal dehret frejgatina
                    bejn mewġa w oħra.

Ġo dan l-imbollatur jinżel u jogħla,
bħal granċ bil-mod il-mod ġol-blat tal-plajja,
is-sajjied sejjer biex itella' n-nassi
                    minn fejn kalahom.

Madwar il-frejgatina hemm ċiefa bajda,
tinżel u titla', tieqaf, tmil, titgħawweġ,
togħdos, titwieżen biex issib xi ħuta,
                    sabiex titrejjaq.

Oh! x'kesħa x'waħda din! oh x'diqa kbira
ġo dan l-imbollatur! Oh! kemm tbatija!
kemm hija iebsa l-ħobża ta' kuljum,
                    Mulejja, aħfirli!